

Brussell, 8 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10941/22

LIMITE

PECHE 250

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0035(COD)

NOTA PUNT "I"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jstabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral
- Konferma tat-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil

1. Il-Kummissjoni ħarġet il-proposta¹ fis-16 ta' Frar 2022, bil-għan li l-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar deċiżi mill-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) fil-laqgħa annwali tagħha tal-2021, jiġu trasposti fil-liġi tal-UE.
2. Fl-10 ta' Marzu, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd. DK ippreżentat riżerva ta' skrutinju parlamentari, li minn dak iż-żmien 'l hawn tneħħiet. L-iskadenza għall-kummenti bil-miktub skadiet fil-25 ta' Marzu mingħajr ma ntalbet l-ebda emenda għat-test. Fil-5 ta' April, il-Kunsillieri/Attachés (Politika tas-Sajd) sabu li l-proposta kellha appoġġ wiesa' mingħajr emendi; dan ġie kkonfermat fis-6 ta' April permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub.
3. Fit-13 ta' April 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-appoġġ tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil f'waqtu mal-Parlament Ewropew.
4. Fl-20 ta' Ġunju 2022, il-kumitat PECH tal-Parlament Ewropew approva l-abbozz ta' pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, ukoll mingħajr ebda emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.

¹ Dok. 6272/22.

5. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jikkonferma li jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar ir-regolament kif propost mill-Kummissjoni (dok. 6272/22), soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament u l-att jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament;
- għal dak il-għan, jawtorizza lill-Presidenza biex tibgħat ittra lill-President tal-kumitat PECH.